

Il-Monument lil Mikiel Anton Vassalli; xogħol l-iskultur Anton Agius – (għadu abbozz fl-istudju ta' l-iskultur).



# M. A. Vassalli Mfakkar

***Mons. Law. Cachia***

NHAR IT-TNEJN, 4 ta' Mejju, 1987, l-Onor. Prim Ministru Dr. Karmenu Mifsud Bonnici kixef monument tal-bronż li juri lil Mikiel Anton Vassalli bil-qiegħda fuq il-blat b'idu waħda fuq tliet kotba u b'idu l-oħra żżomm bandiera. Dan il-monument li hu biċċa xogħol tassew sabiħa ta' l-iskultur Anton Agius tbierek minni f'isem l-Arċisqof ta' Malta. Jiena kelli wkoll ix-xorti li nagħmel id-diskors ta' l-okkażjoni.

Il-monument lil Vassalli sar bil-ħidma u t-tħabrik ta' Kumitat imwaqqaf għal-hekk li kellu bħala President lil l-Onor. Dr. Philip Muscat li ta kull għajnuna, ukoll bħala ministru, biex din it-tifkira sseħħ u tkun waħda tassew xierqa. Il-poplu Malti wkoll ta sehmu bil-kontribuzzjonijiet ta' flus, hekk li dan il-monument inġabar u nħadem fl-iqsar żmien possibbli.

Ngħid għalija, għall-bidu kont xtaqt li dan il-monument isir x'imkien fil-qalba ta' Ħaż-Żebbuġ. Iżda meta kien lest u mqiegħed f'postu, ma stajtx ma nammettix li tassew żejjen kemm id-dħul ta' Ħaż-Żebbuġ kif ukoll it-triq traffikuża li tieħu lejn ir-Rabat u l-Imdina minn fejn igħaddu mijiet ta' karrozzi kuljum u li jduru ma' dan il-monument, li għalhekk qed ikun tifkira tassew kontinwa ta' dan il-Malti kbir.

M. A. Vassalli kien Missier l-Ilsien Malti, jew forsi aħjar ngħidu ma' Dun Karm, Missier l-Ilsien Malti miktub. Kien Vassalli li għamel l-ewwel studji xjentifiċi ta' dan l-Ilsien għażiż u qadim tagħna. Jixraq għalhekk li, barra b'dan il-Mafkar tal-bronż, Vassalli jkun imfakkar fl-iskejjel kollha Maltin billi ħajtu tkun studjata minn kull min jistudja l-Malti.

Kien sewwa sew fil-paġni ta' din ir-rivista li Vassalli reġa' tqajjem mill-qabar bil-ħidma tas-Sur Nin Cremona li hawnhekk beda jikteb ħajtu f'sensiela ta' artikli li dehru mill-1932 'il quddiem. Imbagħad is-Sur Nin kien ġabar dawk l-artikli fi ktieb fis-sena 1937.

Dun Karm Psaila, il-poeta nazzjonali u wieħed mill-kolonni ta' l-Akkademja tagħna u ta' din ir-rivista, kien għen ukoll biex jitfakkar Vassalli billi semmieh fid-daħla għat-traduzzjoni ''L-Oqbra'' ta' Ugo Foscolo. Anzi Dun Karm kien stqarr li ried li dik il-poeżija kbira li qaleb mit-Taljan tkun bħal monument ieħor lil Vassalli.

Minn meta kiteb Cremona sal-lum saru xi riċerki oħra dwar Vassalli u għalhekk jiena ħadt ħsieb li niġbor fil-qosor dak kollu li nkiteb, kemm minn Cremona kif ukoll minn kontributuri li ġew wara, fi ktejjeb ta' madwar 40 paġna.